Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 23 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1/2003 ([1]), u l-Linji ta' gwida għall-kalkolu tal-multi bbażati fuqu ([2]), kif ukoll il-prinċipju ta' proporzionalità u l-prinċipju ta' trattament ugwali, billi żiedet l-ammont inizjali tal-multa b'fattur dissważiv ta' 100 %. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni applikat żieda fil-multa ta' 50 % minħabba reċidività, bi ksur ta' l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-Linji ta' gwida għall-kalkolu tal-multi.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, p. 1).

([2]) Avviż tal-Kummissjoni — Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU 1998 C 9, p. 3).

## Rikors ippreżentat fis -7 ta' Mejju 2007 — COFAC vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-158/07)**

(2007/C 155/65)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Cooperativa de Formação e Animação Cultural, crl (Liżbona, il-Portugall) (rappreżentant: Luís Gomes, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla, skond l-Artikolu 230KE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2005)13066, tat-3 ta' Ġunju 2005, li tnaqqas l-ammont ta' l-għajnuna tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) mogħtija lir-rikorrenti permezz tad-deċiżjoni Nru C(87) 0860, tat-30 ta' April 1987, C(87) 0860 (każ Nru 880707 P1)

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Fl-1 ta' Marzu 2007 ġiet innotifikata lir-rikorrenti d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas għal EUR 25 291,75 l-għajnuna finanzjarja mogħtija permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' April 1987, C(87) 0860, abbażi tal-konstatazzjoni li "hemm indizji ta' irregolaritajiet preżunti fit-twettiq ta' xi wħud mill-azzjonijiet ta' formazzjoni professjonali kofinanzjati mill-FSE, […] wara l-proċeduri penali li jirrigwardaw l-amministrazzjoni u l-użu effettiv ta' l-għajnuna mogħtija […] fid-dawl tal-bdil fit-tqassim ta' l-ispejjeż u tal-finanzjament li jirriżultaw mill-proċedura skond id-deċiżjonijiet ġurisdizzjonali jew verifika/eżami mill-ġdid tal-kontijiet fir-rigward ta' l-entitajiet ikkonċernati".

Madankollu, il-proċedura ġudizzjarja Portugiza mibdija fir-rigward tar-rikorrenti ntemmet b'deċiżjoni ta' preskrizzjoni, u għaldaqstant minn dan ma tista' tiġi dedotta l-ebda indikazzjoni fir-rigward tat-tnaqqis.

Wara dan, l-awtoritajiet nazzjonali qatt ma nnotifikaw lir-rikorrenti abbozz definittiv tar-riżultati tal-verifiki jew eżami mill-ġdid tal-kontijiet, li fil-konklużjonijiet tagħha hija bl-ebda mod ma intervjeniet, u f'kull każ qatt sabiex tiddefendi ruħha mill-akkużi ta' tibdil fil-kriterji ta' tqassim ta' l-ispejjeż u tal-finanzjament tal-proġett.

Skond ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas jew tneħħi għajnuna finanzjarja mogħtija mill-FSE tista' tkun, direttament u individwalment, ta' dannu għall-benefiċjarji ta' l-istess għajnuna.

Ir-rikorrenti qatt ma kellha l-possibbiltà li b'mod utli tesponi quddiem il-Kummissjoni l-opinjoni tagħha fir-rigward tat-tnaqqis ta' l-għajnuna, u minħabba f'hekk id-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni hija illegali u għandha, għaldaqstant, tiġi annullata.

Minn dan isegwi li l-imsemmija deċiżjoni ġiet adottata bi ksur tad-drittijiet tad-difiża, li jikkostitwixxu prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju, li abbażi tiegħu kull persuna li fir-rigward tagħha jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet li jikkawżaw dannu kunsiderevoli lill-interessi tagħha għandha tingħata l-possibbiltà li b'mod utli tesponi l-opinjoni tagħha fir-rigward ta' l-elementi li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni in kwistjoni.

## Rikors ippreżentat fis — 7 ta' Mejju 2007 — COFAC vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-159/07)**

(2007/C 155/66)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* COFAC — Cooperativa de Formação e Animação Cultural, crl (Liżbona, il-Portugall) (rappreżentant: Luís Gomes, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej